IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 3.10.2012
JOIN(2012) 27 final

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

APPOĠĠ TAL-UE GĦAL BIDLA SOSTENIBBLI F'SOĊJETAJIET FI TRANŻIZZJONI

{SWD(2012) 282 final}

WERREJ

1. KIF TISTA' L-UE TGĦIN BIEX TOĦLOQ KUNDIZZJONIJIET GĦAL TRANŻIZZJONIJIET TA' SUĊĊESS? 5

1.1. Appoġġ għal proċess politiku u governanza inklużivi 5

1.2. Appoġġ għall-bini tal-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt 6

1.3. Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali 7

1.4. Appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ħolqien tal-paċi u s-sigurtà 9

2. Kif tista' l-UE ttejjeb l-għodod u l-approċċ tagħha? 10

2.1. Reazzjoni għall-bżonnijiet tas-soċjetajiet imsieħba 10

2.2. L-ankrar tal-proċess b'kisbiet bikrija 10

2.3. L-applikazzjoni ta' inċentivi, limitazzjonijiet u kundizzjonalitajiet 11

2.4. L-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha 13

2.5. It-titjib tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kapaċitajiet tal-iżvilupp 14

2.6. Kooperazzjoni mal-Istati Membri, donaturi u organizzazzjonijiet oħra 15

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

APPOĠĠ TAL-UE GĦAL BIDLA SOSTENIBBLI F'SOĊJETAJIET FI TRANŻIZZJONI

Għan u kuntest

In-nies f'kull parti tad-dinja jaspiraw għal ħelsien politiku, sigurtà għalihom infushom u għall-familji tagħhom, gvern responsabbli, opportunitajiet ekonomiċi u ġustizzja. B'reazzjoni għal dan, bosta pajjiżi, inklużi dawk fil-viċinat tal-UE stess, dan l-aħħar bdew iħaddmu, jew qegħdin iwettqu riformi ewlenin – riformi mfassla biex jibdlu s-soċjetajiet tagħhom f'demokraziji inklużivi li huma lesti u kapaċi li jindirizzaw il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-popolazzjoni u, f'xi każijiet, jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-komunità internazzjonali u l-pajjiżi ġirien.

L-UE għandha esperjenza konsiderevoli fi proċessi ta' tranżizzjoni bħal dawn, kemm internament kif ukoll fl-appoġġ għall-isforzi ta' pajjiżi oħra fil-viċinat tagħha u madwar id-dinja. B'mod partikulari, il-politika tat-tkabbir tal-UE wriet li hija għodda b'saħħitha biex trawwem it-trasformazzjoni tas-soċjetà. Il-pajjiżi li diġà ssieħbu fl-UE, b'mod partikulari dawk li ssieħbu fl-2004 u fl-2007, u dawk li jinsabu fit-triq biex jissieħbu għaddew minn tibdiliet impressjonanti permezz ta' riformi demokratiċi u ekonomiċi immotivati mill-adeżjoni.[1]. *L*-interkonnessjoni mill-qrib ta' paċi, stabbilità, demokrazija u prosperità tinsab fuq quddiem nett ukoll f'oqfsa oħra, fosthom il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tal-UE, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża Komuni (CSDP).

Din il-Komunikazzjoni hija maħsuba biex teżamina x'għandha x'toffri l-UE biex tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni jiksbu trasformazzjonijiet sostenibbli u ta' suċċess, billi tibni fuq l-esperjenzi tagħha stess. Tistabbilixxi wkoll għadd ta' miżuri konkreti biex jitjieb il-mod kif l-UE tappoġġja lil dawn il-pajjiżi sabiex ikunu jistgħu jiksbu riformi dejjiema u jevitaw rigress.

B'mod partikulari, din il-Komunikazzjoni tindirizza sitwazzjonijiet fejn proċess ta' riforma jeħtieġ aktar appoġġ biex jagħti tibdil prattiku u fit-tul. "Tranżizzjoni" tinftiehem f'sens wiesa' biex tinkludi l-istabilizzazzjoni, it-trasformazzjoni tas-soċjetà, il-bini tal-istituzzjoni u l-konsolidazzjoni tar-riformi. Filwaqt li stati fraġli u sitwazzjonijiet ta' kunflitt mhumiex indirizzati b'mod speċifiku, għaliex jinvolvu għadd ta' sfidi speċifiċi għall-kuntest u jeħtieġu kostellazzjoni differenti ta' miżuri ta' appoġġ tal-UE, xi esperjenzi msemmija hawnhekk jistgħu jkunu wkoll rilevanti f'dawk il-każijiet.

It-tranżizzjoni toħloq sfidi li jvarjaw ħafna minn pajjiż għall-ieħor, kif deskritt fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha. Il-proċess jista' jkun paċifiku jew immexxi mill-kriżi; jinvolvi inċertezza, riskju u xi drabi anke theddid għall-istabbiltà domestika jew reġjonali. L-esperjenza turi li t-tranżizzjonijiet jistgħu jfallu. Dan il-falliment jista' jkollu effetti politiċi, soċjali u ekonomiċi kbar fuq is-soċjetajiet. Proċess ta' tranżizzjoni ta' suċċess ifisser konsolidazzjoni u sostenibbiltà fit-tul tar-riformi, f'atmosfera ta' stabbilità u kunfidenza.

[1] Ara l-Kompendju tat-Tranżizzjoni Ewropea

F'xi każijiet, se jinħass ukoll il-bżonn li jiġi evitat il-kunflitt filwaqt li jiġi promoss u mmaniġġjat it-tibdil paċifiku. Sabiex jinkiseb dan, il-proċess irid ikun immexxi b'mod domestiku u jrid ikun inklużiv u jindirizza b'mod komprensiv l-isfidi politiċi, soċjali u ekonomiċi rilevanti.

Sabiex tikkontribwixxi għal bidla sostenibbli f'soċjetajiet ta' tranżizzjoni, l-UE għandha:

– timmobilizza l-istrumenti kollha tagħha b'reazzjoni komprensiva, immirata u fit-tul li tqis il-ħtiġijiet tal-pajjiż imsieħeb u l-kawżi bażi li jirfdu x-xewqa tal-poplu għal bidla fis-soċjetà.

– tippromwovi l-governanza demokratika, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-ġid ekonomiku u soċjali fil-livell nazzjonali u reġjonali, kif ukoll il-paċi u l-istabbiltà, b'mod li jikkontribwixxi għar-riformi sostenibbli soċjalment, ekonomikament, politikament u ambjentalment u l-integrazzjoni reġjonali;

– taġixxi b'mod li ttejjeb is-sjieda tal-proċess tar-riforma tal-pajjiżi msieħba u tħeġġeġ l-iskambju tal-esperjenzi mingħajr ma timponi mudelli speċifiċi.

Sabiex jinkiseb dan, l-UE għandha:

– tibbaża r-reazzjoni tagħha fuq **valutazzjoni tal-ħtiġijiet** xierqa, li tqis l-isfidi ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom il-pajjiżi msieħba;

– tesplora l-possibbiltajiet għal **kisbiet bikrija** ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw libertajiet bażiċi, ġenerazzjoni ta' dħul u twassil tas-servizz pubbliku fil-fażi inizjali tat-tranżizzjoni, biex tinkoraġġixxi appoġġ popolari kontinwu għal riformi;

– tuża **inċentivi u kundizzjonalitajiet** b'mod aktar koerenti u effiċjenti;

– **tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha** – bħall-imsieħba soċjali u ekonomiċi, is-settur privat u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili (CSO), kif ukoll organizzazzjonijiet reġjonali – fi proċessi ta' riforma u djalogi politiċi;

– tinvesti aktar fil-bini ta' istituzzjonijiet imparzjali marbuta bl-istat tad-dritt sabiex jiżguraw li r-riformi li jitwettqu huma wkoll **implimentati u infurzati fil-prattika**; u testendi l-iżvilupp tal-kapaċità **lil hinn mill-istituzzjonijiet** sabiex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għas-servizzi pubbliċi, bħas-sigurtà u l-ġustizzja.

– tuża b'mod effiċjenti metodi ta' **kondiviżjoni ta**' **għarfien** u **l-iżvilupp tal-kapaċità**, inkluż l-użu ta' esperjenzi ta' tranżizzjoni tal-Istati membri tal-UE;

– timpenja ruħha f'**kooperazzjoni u koordinazzjoni effiċjenti** mal-Istati Membri tal-UE, inkluż programmar konġunt possibbli, u ma' donaturi u atturi oħra.

1. KIF TISTA' L-UE TGĦIN BIEX TOĦLOQ KUNDIZZJONIJIET GĦAL TRANŻIZZJONIJIET TA' SUĊĊESS?

Hija responsabbiltà ta' kull pajjiż imsieħeb li jiddetermina kif jixtieq jimmaniġġja t-tranżizzjoni u t-trasformazzjoni tiegħu. L-UE, min-naħa tagħha, tista' tuża l-metodi ta' appoġġ tagħha biex tassisti proċessi domestiċi u biex tgħin biex toħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-proċess. B'hekk, l-UE teħtieġ li tirrispetta s-sjieda tal-proċess tal-pajjiż imsieħeb, kif ukoll il-prinċipju ta' koerenza politika għal żvilupp f'politiki li jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-prinċipju ta' konċentrazzjoni settorjali fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Barra minn hekk, l-appoġġ tal-UE jrid iqis in-natura ta' proċess ta' tranżizzjoni demokratiku u ekonomiku fit-tul. Approċċ komprensiv u sostnut se jippermetti lill-UE li tassisti u tagħti l-ħajja mill-ġdid lil proċessi ta' tranżizzjoni li spiss ikunu eżitanti jew staġnati.

Evidentement, il-grad tal-bidla u l-veloċità tagħha jistgħu jvarjaw skont il-pajjiż imsieħeb. Fl-istess ħin, jeħtieġ li r-riformi jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti b'mod komprensiv. Ir-riformi politiċi mhumiex biżżejjed jekk ma jkun hemm l-ebda ġudikatura indipendenti u responsabbli, l-ebda awtorità tal-kompetizzjoni u l-ebda politika effettiva kontra l-korruzzjoni, għaliex dawn huma meħtieġa biex jippermettu li l-investimenti jagħtu spinta lill-iżvilupp ekonomiku. Koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet differenti involuti fl-isforzi ta' riforma hija importanti wkoll. Fil-pajjiżi tat-tkabbir, pereżempju, il-fatt li l-gvernijiet stabbilew ministeri jew uffiċċji għall-integrazzjoni Ewropea b'funzjonijiet ta' koordinazzjoni u segwew aġenda politika mfassla b'mod ċar ta' allinjament mal-istandards Ewropej u l-*acquis* tal-UE għen lill-gvernijiet biex jiffukaw fuq l-aġenda ta' riforma komprensiva.

Is-sekwenzjar tar-riformi huwa dipendenti ferm fuq il-kuntest u għandu jinħoloq bilanċ bejn ir-riformi "ta' gwadann rapidu" li jservu biex iżommu l-momentum politiku u soċjali u biex iżommu l-appoġġ popolari għall-proċess kollu u għal riformi aktar fit-tul. It-taħlita politika se tvarja skont il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-motivazzjonijiet ewlenin li jseddqu x-xewqa tal-poplu għal bidla fis-soċjetà.

1.1. Appoġġ għal proċess politiku u governanza inklużivi

Il-politika ta' tkabbir tal-UE hija l-aktar approċċ komprensiv għall-appoġġ ta' proċessi politiċi u governanza inklużivi. L-istituzzjonijiet demokratiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem jinsabu fil-qalba tal-kriterji tal-adeżjoni. It-tranżizzjonijiet sostanzjali minn reġimi komunisti għal demokraziji reali fl-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant u dik Ċentrali saru possibbli bix-xewqa ċara taċ-ċittadini u r-rieda politika tal-awtoritajiet eletti. Dawn il-proċessi ġew appoġġjati mill-UE, fosthom permezz ta' assistenza finanzjarja, pariri esperti u l-proċess ta' negozjar tal-adeżjoni.

L-UE tkompli ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għad-demokrazija madwar id-dinja, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 li jitolbu għal approċċ komprensiv tal-UE.[2] L-eżempji tat-Tuneżija u l-Bolivja juru l-użu tal-istrumenti rilevanti kollha tal-UE.[3]

L-appoġġ tal-UE huwa ċċentrat fuq erba' oqsma ewlenin: l-istabbiliment ta' proċessi kostituzzjonali u elettorali; it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi; it-tisħiħ tas-soċjetà politika

[2] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE, Brussell, is-17 ta' Novembru 2009, u l-Aġenda għal Azzjoni li takkumpanjahom.

[3] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Taqsima 2.1.1.

u ċivili; u l-iżvilupp gradwali ta' kultura politika demokratika. Il-punt tradizzjonali li jiffoka fuq **elezzjonijiet kredibbli** u **s-sigurtà**, u fuq it-tisħiħ tal-**fergħa eżekuttiva tal-gvern**, kull ma jmur qiegħed jersaq lejn it-tisħiħ ta' assemblej kostitwenti u **leġiżlaturi** u t-tqegħid ta' sistemi effettivi ta' kontrolli u bilanċi[4]. L-UE qed iżżid ukoll l-involviment tagħha ma' **partiti politiċi** (fit-Tuneżija, pereżempju) fuq bażi mhux partiġjana permezz ta' attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċità u l-iffaċilitar ta' djalogi bejn diversi partiti.

Barra minn hekk, il-politika tal-iżvilupp għamlet bidla strateġika lejn enfasi aktar b'saħħtu fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u elementi oħra ta' governanza tajba, billi tipproponi sehem ogħla ta' programmi ta' kooperazzjoni tal-UE jiġu ddedikati għal dawn l-oqsma.[5]

L-UE u l-Istati Membri tagħha qed isaħħu mill-ġdid ukoll l-effettività u l-koerenza tal-appoġġ tagħhom għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi msieħba. Għal dan il-għan, qegħdin jiġu żviluppati **strateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem** komprensivi. Dawn l-istrateġiji jidentifikaw iż-żoni prijoritarji għall-azzjoni tal-UE, jinfurmaw id-drittijiet tal-bniedem u d-djalogi politiċi fil-livelli kollha u se jitqiesu fit-tfassil tal-politika u meta tiġi pprogrammata u implimentata l-għajnuna finanzjarja, inkluż l-appoġġ tal-baġit. Dawn l-istrateġiji se jitqiesu wkoll fir-rapporti dwar il-progress tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), sabiex jiżguraw li l-prinċipju ta' "aktar għal aktar" jiġi applikat b'mod konsistenti madwar ir-reġjun tal-PEV.

L-UE attwalment qiegħda ttejjeb ukoll l-għodod analitiċi tagħha għal **strateġiji ta' demokratizzazzjoni** permezz ta' profili ta' demokrazija f'każijiet pilota, li jippreżentaw l-istrutturi u l-proċessi politiċi u jinfurmaw kemm l-ipprogrammar tal-UE kif ukoll id-djalogu politiku. Dawn jipprovdu, b'mod partikulari, l-informazzjoni dwar is-sistema legali, it-tqassim tal-poteri kemm orizzontalment kif ukoll vertikalment, il-kostituzzjoni u s-sistema elettorali u jħarsu lejn l-effiċjenza u l-effettività tal-istat tad-dritt, tas-settur pubbliku u l-kapaċità tiegħu li jmexxi u/jew jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

1.2. Appoġġ għall-bini tal-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt

It-twaqqif u l-konsolidazzjoni ta' istituzzjonijiet indipendenti, trasparenti u effettivi huwa importanti ferm biex tinbena l-fiduċja f'pajjiż fi tranżizzjoni u biex tinħoloq il-bażi għal żviluppi ulterjuri, kif ukoll biex tiġi trattata l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata kmieni fil-proċessi ta' riforma – tagħlima importanti meħuda fil-kuntest ta' riformi marbuta ma' tkabbir riċenti tal-UE. L-istabbiltà makroekonomika tista' biss tikber jekk ikun hemm ambjent li jiġbed l-investimenti u li jippermetti lin-negozji li jirnexxu. Dan jitlob ġudikatura indipendenti li ssolvi t-tilwim, id-drittijiet tal-proprjetà rregolati b'mod ċar u r-rispett għall-istat tad-dritt. Barra minn hekk, jinħtieġu istituzzjonijiet kredibbli biex jiġu evitati regoli legali u l-kapaċità li jimplimentawhom u jinfurzawhom, li fil-prattika jista' jipprevjeni jew inaqqas il-bidla reali u jiffaċilita l-korruzzjoni.

Ġudikatura indipendenti teħtieġ li tassigura r-rispett għall-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Din tista' tkun sfida partikulari, minħabba li mħallfin u prosekuturi maħtura taħt reġimi preċedenti u mhux demokratiċi jistgħu jimminaw l-isforzi ta' riforma. Fl-istess ħin, it-tisfija (jiġifieri s-sensja ta' dawk assoċjati ma' abbużi tar-reġim preċedenti) jew

[4] Ibid, it-Taqsima 2.1.1; ara wkoll id-dokument ta' referenza "Engaging and Supporting Parliaments Worldwide: EC strategies and methodologies for action to support parliaments".

[5] Il-Komunikazzjoni Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla (l-"Aġenda għall-Bidla"), Taqsima 2; u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012.

il-proċeduri ta' stħarriġ għandhom ir-riskju li jkomplu jippolitiċizzaw is-sistema għal perjodu ta' żmien imtawwal. Għaldaqstant, jeħtieġ li jittieħed approċċ ibbilanċjat, li għandu jesplora wkoll il-possibbiltajiet li jżomm lil imħallfin u prosekuturi responsabbli permezz ta' proċedimenti dixxiplinari jew kriminali. Fl-istess ħin, l-iżvilupp tal-kapaċità għandu jikkontribwixxi għal aċċess aħjar għaċ-ċittadini għas-servizzi tas-sigurtà u tal-ġustizzja (pereżempju permezz ta' qawmien ta' kuxjenza), li huwa kruċjali bħala tali jekk il-proċess ta' tranżizzjoni għandu jkun sostenibbli u leġittimu.

Jeħtieġ li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jiġu rriformati sabiex jaħdmu fl-interess taċ-ċittadini. Korpi superviżorji indipendenti, bħall-ombudspersons, l-aġenziji kontra l-korruzzjoni jew is-superviżuri għall-protezzjoni tad-dejta huma neċessarji sabiex jikkontrollaw ix-xogħol tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Istat u jipproteġu d-drittijiet taċ-ċittadini. Sakemm dawn l-istituzzjonijiet il-ġodda jiġu stabbiliti b'indipendenza reali u jingħataw mezzi suffiċjenti biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv, jistgħu jiżguraw progress konkret u viżibbli fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u jżidu l-fiduċja taċ-ċittadini.

L-UE tista' tikkontribwixxi għall-bini tal-istituzzjonijiet b'diversi modi, bħall-appoġġ finanzjarju, id-djalogi politiċi u l-kooperazzjoni teknika. Pereżempju, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni fil-politika dwar it-tkabbir għen lill-pajjiżi Balkani tal-Punent b'mod sinifikanti fl-isforzi ta' riforma tagħhom. Barra minn hekk, qafas istituzzjonali komprensiv se jiżgura s-sostenibbiltà tar-riformi li saru. Madankollu, jeħtieġ li qafas bħal dan ikun ibbilanċjat sew u tiġi stabbilita sistema ta' kontrolli u bilanċi. Konċentrazzjoni ta' wisq poter f'idejn istituzzjoni waħda jew ftit istituzzjonijiet toħloq ir-riskju ta' abbużi ta' dan il-poter jew ta' rigress tal-proċess ta' riforma permezz tal-għeluq ta' istituzzjonijiet bħal dawn.

1.3. Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali

Aġenda ta' riforma speċifika għall-pajjiż

Bħala riżultat ta' inċertezzi ekonomiċi u politiċi, tranżizzjoni spiss twassal għal deterjorament fuq perjodu qasir fit-tkabbir u fl-impjiegi, kif ukoll fil-kontijiet pubbliċi u esterni. Fejn dan jirriżulta f'żieda fil-qgħad u l-faqar b'mod partikulari, dan jista' jgħawwar u jpoġġi fil-periklu l-leġittimità tal-proċess ta' demokratizzazzjoni u jirriżulta f'żieda fl-emigrazzjoni u fl-eżodu ta' mħuħ. Fuq perjodu itwal, ir-riformi jeħtieġ li jkunu jistgħu jilħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini għal impjiegi diċenti, opportunitajiet ekonomiċi u ġustizzja soċjali.

Esperjenzi minn pajjiżi li wettqu b'suċċess ir-riformi fil-qasam tal-governanza, bħall-Istati Membri li ssieħbu fl-UE f'dan l-aħħar deċennju,[6] fil-fatt juru li dawn huma spiss marbuta mal-proċessi ta' żvilupp ekonomiku u soċjali. F'dawn il-pajjiżi, l-aġenda ta' riforma ekonomika ġiet definita b'erba' prijoritajiet: l-istabilizzazzjoni makroekonomika, il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar tal-impriżi, it-titjib fl-ambjent tan-negozju, u l-aġġornament tar-rendiment tas-swieq tax-xogħol. Dawn il-prijoritajiet jappoġġjaw l-għan ewlieni li tiżdied ir-rata tat-tkabbir tal-produttività sabiex jogħlew il-livelli tal-għixien u titjieb il-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-ġid b'mod sostenibbli. Ir-riforma u l-iżvilupp tal-finanzi pubbliċi kienu ugwalment importanti biex jiżguraw ir-riżorsi biex jappoġġjaw riformi ekonomiċi oħra u biex jinżamm u jkompli jiġi żviluppat livell xieraq tas-servizzi pubbliċi.

Anke jekk, b'mod ġenerali, l-għanijiet fit-tul tal-mexxejja l-ġodda ta' dawn il-pajjiżi kienu simili, il-pijoritajiet, is-sekwenzjar u l-pass tar-riformi kienu differenti ħafna. Xi pajjiżi (il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja) malajr introduċew riformi radikali biex joħolqu

[6] Ara l-Kompendju tat-Tranżizzjoni Ewropea

kundizzjonijiet għal irkupru ekonomiku (l-hekk imsejħa "terapija tax-xokkijiet"), minkejja l-impatti negattivi sinifikanti fuq perjodu qasir, bħall-waqgħa fil-produzzjoni, il-qgħad u r-riċessjoni. Pajjiżi oħra (bħall-Ungerija u s-Slovenja) ħadu approċċ aktar "gradwali" billi implimentaw riformi makroekonomiċi, strutturali u istituzzjonali gradwali, u b'hekk evitaw bidliet f'daqqa fil-produzzjoni ekonomika, fil-qgħad u fil-ġid. Dan ta ħin lill-impriżi nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi biex jadattaw irwieħhom għall-kundizzjonijiet il-ġodda ta' ekonomija ta' suq miftuħ.

L-UE għandha firxa wiesa' ta' tipi ta' appoġġ x'toffri. L-appoġġ għall-baġit, fosthom Kuntratti għall-Bini tal-Istat fejn xieraq, jista' jintuża sabiex jgħin lill-pajjiżi jikkonsolidaw it-tranżizzjoni u jistabbilizzaw il-prospetti tagħhom għat-tkabbir u l-impjiegi fi żmien qasir fil-fażi inizjali li hija kkarakterizzata minn inċertezzi, filwaqt li jevitaw l-iżvilupp mhux sostenibbli tad-dejn estern u/jew pubbliku tagħhom. Forom oħra ta' assistenza għall-iżvilupp, fosthom assistenza msejsa fuq il-proġetti (ara l-eżempju tal-Côte d'Ivoire) u assistenza teknika tista' tintuża wkoll biex iwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tranżizzjoni.

Għajnuna għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti u ambjent tan-negozju aktar sikur

Fil-perjodu twil, l-UE tista' tgħin lill-pajjiżi msieħba jibnu **politika u qafas regolatorju aktar robusti** li kapaċi jattiraw l-investiment privat, jixprunaw l-intraprenditorjat, jippromwovu l-SMEs, jiżguraw il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-riżorsi naturali, isaħħu l-kapaċità tagħhom biex jiġbru t-taxxi, itejbu l-agrikoltura, u jsaħħu l-kooperazzjoni ekonomika u l-integrazzjoni ma' pajjiżi oħra.[7] Ftehimiet u strumenti tal-kummerċ, flimkien ma' għajnuna għall-kummerċ, jistgħu jkomplu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni reġjonali. Bl-istess mod, l-appoġġ biex jiġi stabbilit **ambjent stabbli, prevedibbli u sikur għan-negozju** jibqa' kruċjali. Ħafna drabi jkun neċessarju wkoll li jiġu definiti (mill-ġdid) id-drittijiet tal-proprjetà, is-sjieda tal-art u r-rwol tas-settur privat. Pereżempju, fl-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant u dik Ċentrali, il-klima tal-investiment tjiebet permezz tal-istituzzjonijiet legali u regolatorji biex jissorveljaw il-ġestjoni tan-negozji, jassiguraw id-drittijiet tal-proprjetà u tal-kuntratt, jissimplifikaw il-proċeduri regolatorji u ta' liċenzjar, kif ukoll b'sistema xierqa tal-ibbankjar. Bl-istess mod, kundizzjonijiet għall-agrikultura tjiebu bir-riforma tas-suq tal-artijiet, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà, l-aspetti tat-taxxa, il-katast u r-reġistru.

L-UE tista' tappoġġja r-riformi rilevanti permezz ta' **kuntratti ta' riforma settorjali** flimkien ma' djalogu politiku intensifikat. Barra minn hekk, tista' tappoġġja u tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċità tal-**impriżi lokali**, speċjalment dawk mikro, żgħar u medji (ara l-eżempju ta' SANAD fir-reġjun MENA[8]). **Is-sħubiji mas-settur privat** jistgħu jkunu wkoll mezz effiċjenti biex jiġbdu l-investiment, isaħħu r-rabtiet bejn l-Investiment Dirett Barrani u n-negozji lokali, u biex jistimulaw l-impjiegi. Il-faċilitajiet ta' taħlit reġjonali tal-UE urew li huma kapaċi jingranaw finanzjament addizzjonali sostanzjali billi jgħaqqdu għotjiet tal-UE ma' riżorsi oħra, bħal self mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment.[9]

Għajnuna sabiex jinbnew ekonomiji u soċjetajiet inklużivi

---

7 L-Aġenda għall-Bidla, Taqsima 3. Dan jinkludi il-bini ta' kapaċità fir-rigward ta' żvilupp sostenibbli b'emissjoni baxxa u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż l-aċċess għal sorsi sostenibbli ta' enerġija.

8 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Taqsima 2.1.5.

9 Ibid, Taqsima 1.4.

Huwa daqstant importanti li l-UE tkompli tappoġġja l-isforzi tal-pajjiżi msieħba tagħha fl-indirizzar tal-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħhom għal aktar **ekwità, inklużjoni soċjali u protezzjoni soċjali** (Komunikazzjoni speċifika dwar il-protezzjoni soċjali hija maħsuba għat-tieni nofs tal-2012). B'mod partikulari, jeħtieġ appoġġ għal azzjonijiet li jippromwovu t-twassil ta' servizzi pubbliċi lill-gruppi kollha tal-popolazzjoni. F'dan ir-rigward, is-CSOs jista' jkollhom rwol importanti x'jaqdu billi jippromwovu mudelli ta' negozju etiċi, inklużivi u ekwi. L-involviment taż-żgħażagħ, il-mexxejja futuri, għandu jitħeġġeġ b'mod partikulari.

Tranżizzjoni hija wkoll mument kritiku biex jittieħdu passi konkreti biex tiġi promossa l-**ugwaljanza bejn is-sessi** u l-**għoti tas-setgħa lin-nisa** bħala parteċipanti ewlenin fit-tranżizzjoni, biex tissaħħaħ kemm is-sigurtà tagħhom kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom, permezz ta' mezzi bħal appoġġ baġitarju settorjali u azzjonijiet taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) (għal eżempji, ara l-Marokk u l-Afganistan)[10].

1.4. Appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ħolqien tal-paċi u s-sigurtà

Xi tranżizzjonijiet lejn id-demokrazija jiffaċċjaw sfida doppja ewlenija: l-iżgurar li s-sigurtà u l-paċi jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli fuq naħa, u li l-iżvilupp jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà fuq in-naħa l-oħra.

Avvenimenti bħal elezzjonijiet, tibdil fil-gvern jew l-allokazzjoni (mill-ġdid) ta' riżorsi jistgħu jipprovokaw tifqigħ ta' vjolenza u/jew kunflitt armat, u jipprovokaw tfixkil waqt proċessi ta' tranżizzjoni li ta' spiss ikunu fraġli, speċjalment f'dawk is-soċjetajiet li għadhom ma stabbilewx oqfsa istituzzjonali effettivi u leġittimi biex jirrisolvu l-kunflitti b'mod paċifiku.

L-appoġġ tal-UE f'dawn iċ-ċirkustanzi irid jinvolvi approċċ sensittiv għall-kunflitt u speċifiku għall-kuntest. Sabiex jiġu indirizzati l-kawżi bażi tal-kunflitt, għandha tiġi evitata żieda fid-dipendenza, il-qawwa u l-patroċinju ta' ċerti gruppi jew li jiħraxu l-impatti negattivi fuq il-mekkaniżmi ta' sopravvivenza. L-approċċ eżatt u l-kunsiderazzjonijiet f'sitwazzjonijiet individwali tal-pajjiż għandhom jiġu identifikati permezz ta' analiżi ddedikata tal-kunflitt. F'ħafna każijiet, analiżi bħal din se tiżvela kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-għanijiet tal-ħolqien ta' paċi kif żviluppati mid-Djalogu Internazzjonali dwar il-Konsolidazzjoni ta' Paċi u tal-Istat u approvati mill-komunità internazzjonali, fosthom l-UE.[11] Dawn l-għanijiet huma relatati mal-ħtieġa għal proċess politiku inklużiv u rikonċiljazzjoni, djalogu interkulturali, aċċess għas-sigurtà, il-ġustizzja u l-impjiegi, u l-ġestjoni responsabbli u effettiva tar-riżorsi.

Fi kwalunkwe każ, l-appoġġ tal-UE jrid jiġi implimentat fi ħdan approċċ usa' li jqis l-oqsma kollha rilevanti, fosthom ir-rikonċiljazzoni u l-appoġġ għal persuni maqlugħa minn darhom, il-prevenzjoni ta' kriżi, ir-riforma fis-settur tas-sigurtà, ir-reżiljenza u t-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tar-riżorsi, l-istat tad-dritt, id-demokratizzazzjoni, is-soċjetà ċivili, id-drittijiet tal-bniedem, ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u t-twassil tas-servizz pubbliku. Bħala eżempju, l-UE kkontribwiet għar-rikonċiljazzjoni fil-pajjiżi li ħarġu minn dik li qabel kienet il-Jugoslavja u l-kundizzjonalità ċara tal-proċess ta' adeżjoni żgurat il-prosekuzzjoni tar-reati tal-gwerra u l-kooperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja.

Riforma tas-settur tas-sigurtà tikkostitwixxi sfida partikulari fl-isforzi għall-garanzija tas-sigurtà u l-istabbiltà. Superviżjoni ċivili aħjar tas-servizzi tas-sigurtà ġeneralment hija

[10] Ibid, Taqsimiet 2.1.2 u 2.1.3, rispettivament.

[11] Il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna Busan fl-2011 f'Busan.

prijorità, bħalma hu t-titjib tal-effettività, ir-responsabbiltà u l-imġiba tal-firxa wiesa' ta' atturi tas-sigurtà. Il-parteċipazzjoni ta' komunitajiet u ta' gruppi tas-soċjetà ċivili jistgħu jagħmlu l-għoti ta' sigurtà kemm aktar effettiv kif ukoll aktar responsabbli. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikulari għar-rwol u d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli. Bħala parti minn strateġija komprensiva tal-UE, il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża tal-UE Komuni (PSDK) jista' jkollha wkoll rwol importanti x'taqdi fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin ta' tranżizzjoni. Mill-2003, l-UE pprovdiet, fost l-oħrajn, taħriġ, pariri jew konsulenza b'appoġġ għar-riforma fis-settur tas-sigurtà, issorveljat pjanijiet ta' paċi jew ipprovdiet appoġġ għas-sigurtà, ta' spiss b'mandat min-NU. Dan isir permezz ta' miżuri ċivili u/jew ta' appoġġ militari.

2. KIF TISTA' L-UE TTEJJEB L-GĦODOD U L-APPROĊĊ TAGĦHA?

2.1. Reazzjoni għall-bżonnijiet tas-soċjetajiet imsieħba

Sabiex tiżgura tranżizzjoni paċifika u ta' suċċess, il-proċess ta' riforma speċifiku ta' kull pajjiż għandu jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-poplu, **kif inhuma ddefiniti mill-pajjiż stess**. Filwaqt li l-bżonnijiet ewlenin u l-isfidi fil-pajjiżi fi tranżizzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli, huma ħafna drabi jinkludu:

– ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-bini ta' kunsens nazzjonali dwar kwistjonijiet fundamentali;

– it-twaqqif ta' istituzzjonijiet demokratiċi u proċessi li jaħdmu tajjeb;

– l-evitar ta' tnaqqis mhux sostenibbli fid-dħul u l-impjiegi u r-restawr jew iż-żamma tal-istabbiltà makroekonomika;

– il-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku u l-inklużjoni fit-tul, b'impjiegi diċenti, opportunitajiet ekonomiċi, servizzi soċjali bażiċi, fosthom kura tas-saħħa ta' kwalità, edukazzjoni, u ġustizzja soċjali;

– it-twaqqif ta' ambjent li jkun favorevoli għall-kummerċ, li jiddefinixxi (mill-ġdid) id-drittijiet tal-proprjetà u r-rwol tas-settur privat, u li jeżamina l-funzjonament tas-suq; u

– fejn meħtieġ, ir-restawr tas-sigurtà, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt.

Peress li s-sitwazzjonijiet ivarjaw ħafna, ma hemm **l-ebda preskrizzjoni uniformi** għal proċess ta' tranżizzjoni ta' suċċess jew reazzjoni tal-UE. Pereżempju, stat fraġli fi ħdan il-grupp ta' pajjiżi l-anqas żviluppati, bħall-Birmanja/il-Mjanmar, jista' jkun jirrikjedi reazzjoni kemxejn differenti minn dik ta' pajjiżi aktar avvanzati bi dħul medju bħat-Tuneżija u l-Eġittu.

L-appoġġ tal-UE għandu jkun imfassal biex jikkunsidra s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż flimkien mal-valur miżjud li jaf iġib miegħu l-appoġġ tal-UE, u valutazzjoni tal-interessi speċifiċi u r-riskji potenzjali għall-UE. Il-punt tat-tluq għandu ġeneralment ikun il-valutazzjonijiet proprji tal-pajjiżi tal-ħtiġijiet u kif dawn jistgħu jiġu indirizzati. Il-mobilizzazzjoni rapida, matul il-fażi inizjali ta' tranżizzjoni, ta' **missjoni konġunta ta' servizzi tal-UE** li tinvolvi lil dawk kollha responsabbli għall-istrumenti disponibbli differenti, hija kruċjali biex titħejja reazzjoni komprensiva, integrata u fit-tul f'waqtha. Pereżempju fil-qafas tal-politika tat-tkabbir, jidher li missjonijiet ta' evalwazzjoni mill-pari bil-parteċipazzjoni ta' esperti tal-Istati Membri, kif ukoll konsultazzjonijiet mifruxa ma' donaturi

oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, taw riżultati tajbin fi tħejjija għall-assistenza tal-UE. Fil-kuntest tal-għajnuna għall-kummerċ, l-UE pprovdiet ukoll appoġġ għall-evalwazzjoni ta' ħtiġijiet tal-kummerċ, studji dijanjostiċi u elaborazzjoni tal-istrateġiji tal-kummerċ permezz ta' programmi ddedikati fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

2.2. L-ankrar tal-proċess b'kisbiet bikrija

Minħabba l-inċertezza u l-instabbilità marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni, huwa kruċjali li jkun hemm, mill-aktar fis possibbli, xi titjib tanġibbli li jistabbilixxi kunfidenza u li jippromwovi stabbiltà politika u koeżjoni soċjali. Filwaqt li l-istrateġiji fit-tul qed jiġu attwati, l-oqsma potenzjali għal kisbiet bikrija bħal dawn jistgħu jkopru d-drittijiet u l-libertajiet demokratiċi bażiċi fosthom id-drittijiet kulturali, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tneħħija ta' restrizzjonijiet għat-tkabbir, it-twassil tas-servizz pubbliku, fosthom is-servizzi soċjali bażiċi, kif ukoll l-irkupru ta' assi mitlufa u t-twaqqif mill-ġdid tal-mezzi ta' għajxien b'mod partikulari f'sitwazzjoni ta' wara kunflitt.

Fil-qasam tal-**governanza demokratika**, eżempji tipiċi ta' oqsma fejn gwadanni rapidi bħal dawn jistgħu jkunu possibbli jinkludu l-libertà tal-espressjoni u elezzjonijiet kredibbli (ara l-eżempju tat-Tuneżija[12]), assemblea kostitwenti rappreżentattiva u leġittima u l-adozzjoni ta' kostituzzjoni ġdida permezz ta' proċessi parteċipatorji. Kif turi l-esperjenza fi proċessi attwali u passati fit-tkabbir tal-UE, il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jissaħħu permezz ta' appoġġ konkret ta' istituzzjonijiet rilevanti u t-twaqqif ta' korpi superviżorji indipendenti, kif ukoll permezz ta' aċċess imtejjeb għall-informazzjoni u d-dejta dwar kwistjonijiet ewlenin ekonomiċi u soċjali.

Fuq perjodu qasir, it-tranżizzjoni demokratika tista' ddgħajjef l-attività ekonomika, ir-rati tal-impjieg u l-istabbiltà makroekonomika. Huwa kruċjali li jittieħdu miżuri u jiġu implimentati proġetti li jistgħu jgħinu fit-titjib mgħaġġel **fil-ġenerazzjoni tad-dħul, fix-xbieki ta' sikurezza soċjali u fit-twassil ta' servizzi bażiċi**, u li jistgħu jipproteġu kontra żidiet mhux sostenibbli fil-faqar. Dan huwa bżonnjuż ħafna drabi biex jiġġenera appoġġ għal riformi ekonomiċi b'impatt itwal – jew mill-inqas biex tingħeleb ir-reżistenza għal bidla. Pereżempju, il-fondi u l-proġetti li jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-iżvilupp tal-SMEs u l-iskemi tal-mikrokreditu[13], jistgħu jintużaw f'dan il-kuntest. Ir-riformi jistgħu jiġu ffaċilitati wkoll fuq livell ta' industrija, b'mod partikulari fejn ikun hemm il-potenzjal għal tluq rapidu u għal riżultati tanġibbli f'termini tad-dħul u l-impjiegi.

Programmi għal ħolqien rapidu tal-impjiegi u ta' impjiegi qosra għandhom, madankollu, ifittxu li jinkludu segwitu fuq perjodu itwal, pereżempju permezz ta' taħriġ vokazzjonali u servizzi ta' medjazzjoni ta' xogħol li jgħinu lill-parteċipanti tal-programm isibu xogħol regolari. Il-ħtieġa għal gwadanni rapidi għandha tiġi amalgamata fi strateġiji fuq perjodu itwal għall-ġenerazzjoni tal-impjiegi u ma għandhiex tiġġenera interessi ġodda sodi u sitwazzjonijiet mhux sostenibbli.

Fil-qasam tas-**sigurtà**, spiss ikunu meħtieġa passi immedjati li jgħinu pajjiż jistabbilizza ruħu wara kunflitt possibbli sabiex jipprevjenu li s-sitwazzjoni tiddeterjora u l-proċess ta' tranżizzjoni milli jmur għall-agħar. Eżempji ta' appoġġ tal-UE li rnexxew, għalkemm huma differenti ħafna, jinkludu n-negozjar u s-sorveljanza tal-mixja lejn il-paċi (il-pajjiżi tat-tkabbir, il-Ġeorġja, Aceh fl-Indoneżja); l-appoġġ tal-immaniġġjar tal-fruntieri (il-pajjiżi tat-

[12] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Taqsima 1.2.1.

[13] Ibid, Taqsima 2.1.5.

tkabbir, il-Libja); it-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija (il-pajjiżi tat-tkabbir, l-Afganistan); l-iżgurar temporanju tal-amministrazzjoni ċivili internazzjonali jew il-funzjonijiet tal-pulizija u tal-ġustizzja (EULEX, il-Kosovo[14]); u l-appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti, pereżempju permezz ta' operazzjoni ta' unifikazzjoni (iċ-Ċad u r-RDK) jew assistenza ta' missjoni ta' sorveljanza tan-NU bħal fil-każ tas-Sirja.

2.3. L-applikazzjoni ta' inċentivi, limitazzjonijiet u kundizzjonalitajiet

Filwaqt li *l-inċentivi, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonalitajiet ma jistgħux ikunu l-ixprun ewlieni tar-riformi, dawn jistgħu jappoġġjaw il-proċess*. Oqfsa differenti tal-politika esterna tal-UE, fosthom il-politika tat-tkabbir, il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u l-Ftehim ta' Cotonou mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, fihom miżuri bħal dawn. Dawn jistgħu jkunu finanzjarji (fil-forma ta' assistenza, pereżempju), ekonomiċi (bħall-inklużjoni f'netwerks Ewropej u djalogi politiċi) jew politiċi (fosthom djalogu politiku); jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi (jinvolvu, ngħidu aħna, impożizzjoni jew tneħħija ta' sanzjonijiet). Fil-politika tat-tkabbir, pereżempju, infetħu negozjati għat-tkabbir biss fuq sett ta' kundizzjonijiet bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoritajiet. Barra minn hekk, fil-politika kummerċjali, is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) fiha inċentivi li jistgħu jappoġġaw indirettament ir-riformi għalkemm dan mhuwiex l-għan tal-politika tagħha, minħabba li, fost l-oħrajn, l-istrumenti tal-kummerċ iridu jkunu konsistenti mar-regoli tad-WTO.

Sanzjonijiet u miżuri restrittivi

Is-sanzjonijiet, bħala parti minn ġabra usa' ta' inizjattivi politiċi fil-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, jistgħu jkunu strumentali biex jgħinu jżommu l-momentum politiku għal bidla u tranżizzjoni f'sitwazzjonijiet li nkella jirriskjaw li jiddeterjoraw malajr. Idealment għandhom jiġu imposti fil-livell tan-NU jekk dan ikun fattibbli biex tiġi żgurata l-adozzjoni u l-implimentazzjoni mill-akbar numru ta' pajjiżi. Miżuri awtonomi tal-UE jistgħu jservu ta' kumpliment immirat u f'waqtu għal miżuri bbażati fuq in-NU. Meta ftehim fin-NU ma jkunx possibbli, jistgħu jintużaw miżuri awtonomi tal-UE biex joħolqu pressjoni fil-pajjiż jew sitwazzjoni mmirata.

F'każ ta' żviluppi pożittivi, il-miżuri tal-UE jistgħu jitneħħew jew jiġu emendati malajr biex jappoġġjaw u jħeġġu proċessi ta' tranżizzjoni. Madankollu, xi miżuri limitati jistgħu jinżammu biex jipprevjenu theddid jew impatti negattivi fuq il-proċess ta' tranżizzjoni jew il-miżuri jistgħu wkoll jiġu sospiżi bħala mezz biex jitħeġġu l-iżviluppi pożittivi li jkunu seħħu, filwaqt li jinżamm metodu biex tinħoloq pressjoni kontinwa bi stennija għal titjib ulterjuri.

L-approċċ imsejjes fuq l-inċentivi

Approċċi bbażati fuq l-inċentivi taħt il-politika tat-tkabbir tal-UE pproduċew riżultati pożittivi, pereżempju fil-Balkani tal-Punent. Progress fil-mixja għall-adeżjoni fl-UE huwa marbut ma' passi konkreti fl-aġenda tar-riforma. Bħala eżempju ta' dan, il-Montenegro kellu jilħaq għadd ta' prijoritajiet ewlenin stabbiliti fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija, li fosthom kien hemm aspetti importanti tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, qabel ma setgħu jinfetħu n-negozjati tas-sħubija. Anke d-djalogu għal-liberalizazzjoni tal-viża ma' ħames pajjiżi mill-Balkani tal-Punent kien ibbażat fuq pjanijiet direzzjonali dettaljati b'punti ta' riferimenti speċifiċi u wassal għal titjib konkret f'oqsma

[14] Din id-deżinjazzjoni hi mingħajr ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hi konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

bħas-sigurtà tad-dokument u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-politika dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà tad-dokumenti.

Il-PEV issegwi wkoll prinċipju msejjaħ ta' "aktar għal aktar". Il-pajjiżi li jmorru lil hinn u aktar malajr b'riformi demokratiċi speċifiċi u miżurabbli, se jirċievu aktar appoġġ mill-UE. Sabiex jirriflettu dan l-appoġġ ġdid ibbażat fuq l-inċentivi, twaqqfu żewġ programmi umbrella biex joffru aktar riżorsi ta' "aktar għal aktar": is-Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklużiv (SPRING) għall-Viċinat tan-Nofsinhar (ara l-eżempju tat-Tuneżija[15]) u l-Integrazzjoni u l-Kooperazzjoni ta' Sħubija tal-Lvant (EaPIC) għall-Viċinat tal-Lvant. Il-programmi se jiffinanzjaw inizjattivi li jindirizzaw sfidi ġodda fir-rigward tar-riforma demokratika u l-iżvilupp soċjoekonomiku inklużiv b'mod partikulari.

Approċċ simili jista' jiġi applikat lil hinn mill-viċinat tal-UE, sakemm miżuri meħuda biex jindirizzaw kriżijiet u jappoġġjaw is-soċjetà ċivili, il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali u l-kuntatti interpersonali jaqgħu barra mill-approċċ ta' "aktar għal aktar".

L-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi tal-Inizjattiva ta' Governanza taħt l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għal pajjiżi fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) gawda biss suċċess limitat, parzjalment minħabba li l-allokazzjoni tal-governanza inizjali ma ddifferenzjatx biżżejjed bejn il-pajjiżi msieħba u l-impenji għal riformi futuri ma kinux issorveljati biżżejjed, u dan naqqas l-impatt tad-djalogu dwar ir-rendiment tal-governanza.

L-esperjenza f'dawn il-kuntesti differenti tassew uriet li sorveljanza effettiva u informazzjoni miftuħa dwar il-progress tal-gvern huma kruċjali għall-għajnuna tal-proċess ta' riforma u jistgħu jaqdu rwol ewlieni fil-motivazzjoni tal-pajjiżi msieħba biex jitħaffef il-pass tar-riformi. L-impatt tiegħu jista' anke jiżdied aktar jekk diversi partijiet interessati jkunu involuti fil-proċess u l-pubbliku ġenerali jkun infurmat dwar il-prestazzjoni tal-gvern (ara l-eżempju tal-Benin[16]).

Għaldaqstant, biex jitħeġġu r-riformi, għandu jingħata widen għal dawn it-tagħlimiet li ġejjin:

– premji għandhom jiġu ddefiniti b'mod mhux ambigwu mill-bidu u mogħtija għal kisbiet attwali u prestazzjoni reali;

– għandha tingħata preferenza għal skemi tax-xogħol li jtejbu s-sjieda u b'hekk itejbu l-impenn għar-riżultati u l-impatt;

– ir-rendiment għandu jiġi sorveljat fuq bażi regolari u n-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' segwitu xieraq;

– il-progress tal-gvern għandu jiġi espost għal udjenza wiesgħa f'konsultazzjonijiet miftuħa; u

– għandu jkun hemm djalogu mal-partijiet interessati rilevanti kollha.

[15] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Taqsima 2.1.4.
[16] Ibid, Taqsima 2.1.4.

2.4. L-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha

L-esperjenza tal-Istati Membri li ssieħbu fl-UE f'dan l-aħħar deċennju u l-każijiet ta' tkabbir attwali juru li tranżizzjoni ta' suċċess għandha tgawdi minn appoġġ pubbliku mifrux. Is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u firxa wiesa' ta' atturi mhux statali (fosthom l-imsieħba soċjali u ekonomiċi, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u s-settur privat) għandhom rwol importanti x'jaqdu fir-riformi domestiċi peress li jistgħu jenfasizzaw in-nuqqasijiet eżistenti, jissuġġerixxu soluzzjonijiet konkreti u jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet biex ikomplu l-proċess ta' tranżizzjoni.

Ir-rwol ta' appoġġ tal-UE mhuwiex limitat għal azzjonijiet mill-Kummissjoni, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mill-Istati Membri; istituzzjonijiet oħra tal-UE, bħall-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u l-Kumitat tar-Reġjuni wkoll għandhom rwol importanti x'jaqdu[17].

Appoġġ speċifiku għas-soċjetà ċivili

L-UE għandha diversi għodod li jappoġġjaw lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO), fosthom l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), il-Faċilitajiet tas-Soċjetà Ċivili għat-tkabbir u l-viċinat, l-EIDHR, il-Fond Ewropew għad-Demokrazija, il-programm tematiku għal atturi mhux statali u awtoritajiet lokali taħt l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-programmi ta' żvilupp tal-kapaċità taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u d-DCI. L-esperjenza mill-politika tat-tkabbir tal-UE turi li huwa importanti li jinħoloq ambjent li jippermetti (qafas legali u regoli dwar finanzjamenti, inklużjoni fi proċeduri ta' konsultazzjoni politika) lis-soċjeta ċivili fil-pajjiż li tiġi żviluppata b'mod sostenibbli. Għaldaqstant, l-istrumenti kollha tal-UE huma maħsuba biex jagħtu s-setgħa lill-atturi abbażi tal-kapaċitajiet u s-saħħiet tagħhom fl-oqsma rispettivi tagħhom u għalhekk huma kruċjali biex jindirizzaw, pereżempju, kwistjonijiet soċjoekonomiċi, tilwim politiku jew kunflitti ta' interess.

Il-pjattaformi u n-netwerks tas-CSOs kienu importanti għat-tisħiħ tal-ilħiq tas-soċjetà ċivili. L-ambjent li jippermetti għandu jiġi indirizzat fi djalogi politiċi mal-gvernijiet imsieħba biex jiżguraw li s-CSOs għandhom spazju biex joperaw fih. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-EIDHR tinsab f'pożizzjoni tajba biex tappoġġja s-soċjetà ċivili peress li, jekk ikun hemm bżonn, tista' tintuża mingħajr il-kunsens tal-Gvern.

Hija prevista Komunikazzjoni dwar l-impenn mas-soċjetà ċivili għat-tieni nofs tal-2012.

Djalogi u konsultazzjonijiet inklużivi

Id-djalogi politiċi għandhom rwol importanti fl-assistenza ta' pajjiżi msieħba biex jilħqu riformi politiki, soċjali u ekonomiċi ta' suċċess. Pereżempju, laqgħat regolari ma' rappreżentanti tal-pajjiżi tat-tkabbir huma essenzjali fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u huma aktar imsaħħa permezz ta' djalogi speċifiċi għall-pajjiż, bħad-Djalogu Strutturat dwar il-Ġudikatura mal-Bosnja-Ħerzegovina. Id-djalogi jistgħu jiġu ffaċilitati bid-Delegazzjonijiet tal-UE u msaħħa bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, fejn xieraq.

L-UE mexxiet id-djalogi ta' politika tagħha primarjament ma' msieħba governattivi fil-passat. Madankollu, akkwistat ukoll xi esperjenzi pożittivi ta' djalogi bejn bosta partijiet interessati. Id-Djalogu Strutturat dwar l-Involviment tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali fil-

[17] Ibid, Taqsima 2.1.3.

Kooperazzjoni tal-Iżvilupp tal-UE huwa eżempju ta' ispirazzjoni. Daqstant ieħor hija l-konferenza "Speak Up!" organizzata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċess tat-tkabbir fl-2011 li għaqqdet lill-ġurnalisti u lill-professjonisti tal-midja biex jiddiskutu l-isfidi li jirrigwardaw il-libertà tal-espressjoni u tal-midja fil-Balkani tal-Punent u t-Turkija. Is-soċjeta ċivili fil-pajjiżi tat-tkabbir jipprovdu wkoll kontribuzzjonijiet siewja għar-Rapporti ta' Progress annwali tal-Kummissjoni Ewropea u għat-tħejjija ta' proġetti ffinanzjati permezz tal-IPA.

L-UE għandha tippromwovi b'mod attiv aktar djalogi politiċi inklużivi u tappoġġja l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fi proċessi ta' riforma (ara l-eżempju tal-Benin taħt l-Inizjattiva ta' Governanza tal-FEŻ[18]); il-proċess segwit fil-pajjiżi tat-tkabbir huwa eżempju tajjeb. Għandha tagħmel użu sħiħ mill-għodda disponibbli għall-appoġġ tas-soċjetà politika u ċivili f'dan il-kuntest, filwaqt li tqis b'mod xieraq il-kwistjonijiet sensittivi ta' leġittimità, responsabbiltà u rappreżentattività.

L-UE għandha tgħin ukoll lill-pajjiżi fi tranżizzjoni biex jikkonsultaw lill-atturi politiċi (emerġenti), lill-awtoritajiet lokali u l-firxa wiesgħa ta' atturi mhux statali msemmija hawn fuq. Huwa importanti wkoll li tinvolvi gruppi speċifiċi fis-soċjetà, bħaż-żgħażagħ, in-nisa u l-gruppi emarġinati (il-minoranzi, il-foqra, in-nies spustjati). Barra minn hekk, meta niġu għar-riforma ekonomika u l-iżvilupp tas-settur privat b'mod speċifiku, huwa essenzjali d-djalogu pubbliku-privat attiv.

2.5. It-titjib tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kapaċitajiet tal-iżvilupp

Pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-għarfien

Il-**Kompendju tat-Tranżizzjoni Ewropea**, imfassal sabiex ixerred l-informazzjoni dwar it-tranżizzjoni, sar disponibbli permezz ta' bażi tad-dejta interattiva onlajn u issa jista' jiġi kkonsultat minn diversi partijiet interessati madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni għandha twaqqaf **pjattaforma** jew netwerk **usa**' għall-iskambju tal-għarfien dwar kwistjonijiet ta' trasformazzjoni demokratika ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, donaturi oħra, ekonomiji emerġenti, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u partijiet interessati rilevanti oħra. Pjattaforma bħal din tista' tkun disponibbli permezz tal-pjattaforma eżistenti capacity4dev.

Ġemellaġġi u l-Iżvilupp tal-Kapaċità

Il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna f'Busan, fil-Korea t'Isfel, f'Novembru 2011, immarka bidla lejn perspettiva aktar moderna tal-iżvilupp tal-kapaċità li ma jirrigwardax biss l-assistenza teknika u t-taħriġ, iżda jirrigwarda wkoll l-appoġġ għall-bidla u r-riforma, fosthom aċċess aħjar għall-għarfien.

Fl-appoġġ ta' proċessi ta' tranżizzjoni, l-UE għandha trawwem l-iżvilupp tal-kapaċità u l-kooperazzjoni teknika mal-imsieħba tagħha. L-ispirazzjoni tista' tittieħed mill-għodod innovattivi żviluppati fil-politika tat-tkabbir tagħha u diġà estiżi għall-viċinat, fosthom, b 'mod partikulari:

– **TAIEX** (Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni), li tipprovdi appoġġ permezz ta' għarfien espert tas-settur pubbliku tal-UE għall-approssimazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

[18] Ibid, Taqsima 2.1.4.

– **il-Ġemellaġġi**, li jikkontribwixxu għal żvilupp istituzzjonali permezz ta' sħubiji bejn istituzzjonijiet pubbliċi fil-pajjiżi benefiċjarji u l-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE. Flimkien ma' **SIGMA** (Appoġġ għal Titjib fil-Governanza u l-Ġestjoni), il-ġemellaġġi appoġġjaw ir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika u għenu biex jiżviluppaw l-amministrazzjonijiet moderni u effiċjenti fil-pajjiżi benefiċjarji.

– Fis-Sħubija tal-Lvant, l-inizjattiva tal-**Bini Komprensiv tal-Istituzzjonijiet** (CIB) tindirizza b'mod speċifiku r-riformi tal-istituzzjonijiet f'oqsma marbuta mal-ftehimiet bilaterali ġodda mal-UE[19]. Kull pajjiż identifika l-isfidi ta' riforma ewlenin proprji skont is-CIB, u fassal Pjanijiet ta' Riforma Istituzzjonali komprensivi.

Lil hinn mill-viċinat, twaqqfu soluzzjonijiet *ad hoc* biex tiġi mmobilizzata l-kompetenza skont strumenti esterni varji, bħall-faċilitajiet esperti implimentati skont l-Istrument għall-Istabbiltà jew il-Kompetenza tal-UE tal-Migrazzjoni (MIEUX) skont id-DCI li jħeġġeġ it-trasferiment bejn il-pari tal-kompetenzi u l-għarfien lejn pajjiżi benefiċjarji.

2.6. Kooperazzjoni mal-Istati Membri, donaturi u organizzazzjonijiet oħra

L-UE u l-Istati Membri għandhom dejjem iżjed "jaġixxu bħala entità waħda" biex jappoġġjaw is-soċjetajiet fi tranżizzjoni. Dan għandu jgħin biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet tal-isforzi, l-omissjonijiet jew il-kontradizzjonijiet u biex jitjiebu l-impatt u l-effettività tal-azzjoni tal-UE. Huma għandhom ikomplu jirsistu għal aktar koerenza interna u sinerġija fid-djalogu, fil-programmi u fl-azzjonijiet tagħhom, u għandhom jużaw l-ipprogrammar konġunt, fejn xieraq. Il-ħeġġa għal kisbiet fil-qasam tal-appoġġ tad-demokrazija, lil hinn mir-riformi ta' suċċess taħt il-proċess tat-tkabbir, jinkludu:

– l-Aġenda tal-UE għal Azzjoni dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija, li toħloq qafas għal ftehim, approċċ u programmazzjoni komuni tal-UE (pereżempju fil-Bolivja u t-Tuneżija);

– l-Istrateġiji tal-UE skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, imħejjija b'mod konġunt mill-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri; u

– id-Dokumenti previsti ta' Qafas Konġunt, li jiddefinixxu approċċ strateġiku konġunt fir-rigward ta' pajjiż imsieħeb fl-oqsma kollha tal-politika. Dawn jistgħu jkunu ta' interess partikulari meta r-reazzjoni politika tal-UE tiġi kkoordinata mal-proċessi ta' tranżizzjoni.

Fl-appoġġ ta' proċessi ta' tranżizzjoni l-UE għandha tesplora **kooperazzjoni trijangolari** u għażliet oħra għal kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma emerġenti wkoll bħala fornituri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u għandhom esperjenza riċenti ma' tranżizzjoni demokratika.

Għandha tħares ukoll li ttejjeb il-kooperazzjoni mal-**organizzazzjonijiet reġjonali** u n-**netwerks reġjonali**, li jistgħu jeżerċitaw effett ta' amplifikazzjoni u jaġixxu bħala katalist ewlieni fil-konsolidazzjoni ta' riformi u integrazzjoni reġjonali fir-reġjuni rispettivi tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu assemblej parlamentari reġjonali jew kummissjonijiet elettorali reġjonali; jistgħu jassistu lill-proċessi kostituzzjonali, elettorali u ta' bini ta' kapaċità fir-reġjuni rispettivi tagħhom, u b'hekk, jistrieħu fuq l-aħjar prattika reġjonali. Dan iżid il-

[19] Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, iż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi, il-Faċilitazzjoni/Liberalizzazzjoni tal-Viża u l-Ftehimiet ta' Ammissjoni mill-ġdid.

leġittimità ta’ appoġġ estern. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu wkoll jaqdu rwol siewi fis-sorveljanza tal-progress lejn id-demokratizzazzjoni.

Ħafna mill-organizzazzjonijiet reġjonali ewlenin għandhom karti tad-demokrazija jew strumenti sostanzjalment simili, u qed jiftħu l-bibien għal xogħol interreġjonali aktar sistematiku. Bis-saħħa tal-esperjenza tagħha stess u dik tal-Istati Membri tagħha, l-UE hija s-sieħba naturali għal organizzazzjonijiet bħal dawn.

L-UE tappoġġja inizjattivi minn **organizzazzjonijiet internazzjonali**, fosthom in-NU u l-Kunsill tal-Ewropa, li għandhom l-għan li jakkumpanjaw il-proċessi politiċi, isaħħu d-demokrazija u jippromwovu l-iżvilupp soċjoekonomiku fil-pajjiżi fi tranżizzjoni. Fil-qasam tas-sigurtà, pereżempju, l-UE qed taħdem mill-qrib ma’ atturi internazzjonali u reġjonali bħan-NU, il-Lega Għarbija, l-Unjoni Afrikana u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk (ASEAN). Bosta pajjiżi msieħba kkontribwew ukoll għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Il-bini ta’ relazzjonijiet fit-tul fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża mal-imsieħba tal-UE, fosthom ma' ġirien tan-Nofsinhar u tal-Lvant, jista’ jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tat-trasformazzjoni interna tagħhom u l-proċessi ta’ demokratizzazzjoni u b’hekk tissaħħaħ is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali.

Konklużjoni

L-UE diġà għandha firxa ta' politiki u għodod utli li huma disponibbli biex jappoġġjaw pajjiżi fi tranżizzjoni madwar id-dinja hekk kif dawn jimbarkaw fuq it-triq lejn id-demokrazija, li hi żviluppat u implimentat b'suċċess, speċjalment mal-ġirien immedjati tagħha, iżda mhux biss. Dawn jinfirxu matul spettru mill-inċentivar inizjali u ulterjuri tar-riforma sal-appoġġ għat-tfassil tar-riforma, l-implimentazzjoni tagħha u l-għajnuna biex tikseb sostenibbiltà. L-UE jista’ jkollha rwol ewlieni x’taqdi, b’mod partikulari, billi tgħin biex toħloq ambjent li jippermetti għal xi whud mill-elementi kruċjali tat-trasformazzjonijiet demokratiċi u ekonomiċi ta’ suċċess, bħal għal diversi atturi demokratiċi, impriżi, investimenti, kummerċ u protezzjoni soċjali.

Dawn l-għodod u l-metodoloġiji għandhom jiffurmaw parti koerenti tal-qafas ġenerali ta' appoġġ għal pajjiżi msieħba tal-UE, speċjalment meta jkunu involuti fi tranżizzjoni. Filwaqt li l-esperjenza turi li l-proċessi ta’ tranżizzjoni għandhom, l-ewwel u qabel kollox, ikunu proprjetà tal-Istat u ċ-ċittadini tiegħu, l-esperjenza turi wkoll li l-UE għandha għarfien espert siewi x’toffri, li huwa naturalment adattat għall-bżonnijiet u x-xewqat tal-pajjiżi msieħba kullimkien fid-dinja, bħala parti minn pakkett usa’ ta’ appoġġ politiku, ekonomiku, jew kwalunkwe appoġġ ieħor tal-UE. Għal dak il-għan, l-UE hija lesta li timmobilizza l-firxa sħiħa ta' strumenti disponibbli u ttejjeb l-għodod u l-metodi ta’ implimentazzjoni tagħha biex tkompli żżid l-impatt tal-appoġġ tagħha.